KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

MT

13325/10

(OR. en)

PRESSE 235
PR CO 17

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-3031 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Brussell, 10 ta' Settembru 2010

President **Steven VANACKERE**
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-Riformi Istituzzjonali

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6083 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/Newsroom

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Il-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni għan-negozjati:

– *maċ-**Ċina** dwar ftehim dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed, l-ispirti, il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel;*

– *mal-**Malasja** dwar ftehim ta' kummerċ ħieles.*

*Huwa kellu wkoll diskussjoni inizjali dwar l-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar **l-investimenti internazzjonali**.*

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI 4

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

FTEHIMIET DWAR SĦUBIJA EKONOMIKA 6

FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES MAL-KOREA T'ISFEL 7

POLITIKA DWAR L-INVESTIMENT INTERNAZZJONALI 8

AFFARIJIET OĦRAJN 9

Pakistan 9

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

– UE/Malasja - Ftuħ tan-negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles 10

AGRIKOLTURA

– Negozjati maċ-Ċina dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi 10

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Steven VANACKERE	Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-Riformi Istituzzjonali
Is-Sinjura Liliane BLOEM	Ambaxxatur
Bulgarija:	
Is-Sur Traycho TRAYKOV	Ministru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Karl SCHWARZENBERG	Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin
Danimarka:	
Is-Sinjura Lene ESPERSEN	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ġermanja:	
Is-Sur Bernd PFAFFENBACH	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi u t-Teknoloġija
Estonja:	
Is-Sur Raul MÄLK	Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Dick ROCHE	Ministru tal-Istat responsabbli għall-Affarijiet Ewropej
Greċja:	
Is-Sur Konstantinos PAPADOPOULOS	Segretarju Ġenerali
Spanja:	
Is-Sur Alfredo BONET	Segretarju tal-Istat għall-Kummerċ
Franza:	
Is-Sinjura Anne-Marie IDRAC	Segretarju tal-Istat għall-Kummerċ Barrani
Italja:	
Is-Sur Adolfo URSO	Viċi Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku
Ċipru:	
Is-Sur Andreas MAVROYIANNIS	Rappreżentant Permanenti
Latvja:	
Is-Sur Artis KAMPARS	Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Litwanja:	
Is-Sur Audronius AŽUBALIS	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Lussemburgu:	
Is-Sur Christian BRAUN	Rappreżentant Permanenti
Ungerija:	
Is-Sur János MARTONYI	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Malta:	
Is-Sur Tonio BORG	Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin
Pajjiżi l-Baxxi:	
Is-Sinjura Maria VAN DER HOEVEN	Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Awstrija:	
Is-Sur Hans-Dietmar SCHWEISGUT	Rappreżentant Permanenti
Polonja:	
Is-Sur Marcin KOROLEC	Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Portugall:	
Is-Sur Luis AMADO	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Rumanija:	
Is-Sur Mihnea MOTOC	Rappreżentant Permanenti
Slovenja:	
Is-Sur Viljem PŠENIČNY	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi

Slovakkja:	
Is-Sur Stanislaw KUBINEC	Direttur
Finlandja:	
Is-Sur Paavo VÄYRYNEN	Ministru tal-Kummerċ Barrani u l-Iżvilupp
Svezja:	
Is-Sur Gunnar WIESLANDER	Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Renju Unit:	
Is-Sur Edward DAVEY	Sotto Segretarju tal-Istat fid-Dipartiment tan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet

---

Kummissjoni:	
Is-Sur Karel DE GUCHT	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

FTEHIMIET DWAR SĦUBIJA EKONOMIKA

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni u t-triq 'il quddiem fir-rigward tan-negozjati ta' ftehimiet dwar sħubija ekonomika (EPAs) ma' pajjiżi u reġjuni tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP).

Huwa ħa nota tas-suġġerimenti tal-Kummissjoni biex l-istrateġija ta' negozjar tal-UE tiġi aġġustata sabiex jissaħħaħ mill-ġdid il-proċess ta' negozjati.

FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES MAL-KOREA T'ISFEL

Il-Kunsill iddiskuta abbozz ta' deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim mal-Korea t'Isfel dwar kummerċ ħieles.

Huwa qabel li jirritorna għall-kwistjoni malajr kemm jista' jkun, bil-ħsieb li l-ftehim ikun jista' jiġi ffirmat u tintbagħat proposta għal deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim lill-Parlament għall-kunsens tiegħu.

Il-ftehim, li nbeda fil-15 ta' Ottubru 2009, jipprevedi l-liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi u jinkludi regoli dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ.

POLITIKA DWAR L-INVESTIMENT INTERNAZZJONALI

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' komunikazzjoni dwar l-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar l-investimenti internazzjonali (*dok. 11952/10*).

Huwa kellu skambju ta' fehmiet.

Fl-aħħar snin il-globalizzazzjoni rat żieda drammatika fil-movimenti ta' kapital; fl-2007, il-flussi tal-IBD kellhom rekord għoli ta' kważi EUR 1500 biljun.

Taħt l-Artikolu 207 tat-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2009, l-investiment barrani dirett (IBD) sar qasam ta' politika ta' kompetenza esklussiva tal-UE li tifforma parti mill-politika kummerċjali komuni. S'issa, l-Istati Membri nnegozjaw ftehimiet bilaterali ta' investiment ma' pajjiżi terzi.

Bħala l-ewwel pass fl-indirizzar tal-effetti ta' din il-kompetenza ġdida tal-UE, f'Lulju l-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' politika li jinkludi l-komunikazzjoni u proposta għal regolament immirat għall-istabbiliment ta' arranġamenti transitorji għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Il-komunikazzjoni tindirizza kwistjonijiet bħad-definizzjoni tal-IBD, il-kriterji għall-għażla ta' sħab ta' negozjati prospettivi, l-istandards għal ftehimiet ta' investiment futuri fil-livell tal-UE u r-riżoluzzjoni ta' tilwim.

Matul id-diskussjoni tal-Kunsill, id-delegazzjonijet enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi stabbilit malajr kemm jista' jkun qafas komprensiv u effiċjenti għal ftehimiet ta' investiment fil-livell tal-UE. Huma ssottolinjaw il-ħtieġa, għal dan il-għan, li tiġi żgurata ċertezza legali għall-operaturi, kif ukoll il-prevedibbiltà u l-protezzjoni massima għall-investituri tal-UE fl-esteru, u li l-UE tibqa' destinazzjoni attraenti għall-investiment.

AFFARIJIET OĦRAJN

Pakistan

Il-Kunsill ġie informat mill-Kummissjoni dwar inizjattivi possibbli taħt il-politika kummerċjali tal-UE biex tiġi appoġġata r-rikostruzzjoni ekonomika fil-Pakistan, wara l-għargħar mifruxa ta' dan l-aħħar.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

UE/Malasja - Ftuħ tan-negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles

Il-Kunsill approva l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Malasja.

AGRIKOLTURA

Negozjati maċ-Ċina dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati maċ-Ċina bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed, l-ispirti, il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel